MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 297/13LM

**Mario Vella (K.I. 54955M)**

***vs.***

**Etienne Fenech (K.I. 241968M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-26 ta' Marzu, 2013 mill-attur **Mario Vella** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-attur kien involut f'inċident mal-konvenut Etienne Fenech nhar l-4 ta' Settembru, 2010 għall-ħabta ta' bejn is-6.00 u s-7.00 ta' filgħaxija waqt Ii kienu fi Triq ix-Xtut, San Pawl il-Baħar meta l-konvenut ħebb għall-attur u kkaġunalu feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu;*

2. *Illi a kawża tal-aġir tal-konvenut l-attur sofra danni konsiderevoli fuq il-persuna tiegħu hekk kif ġie spjegat fir-rapport mediku tal-konsulent mediku Dottor C.J. Sciberras hawn anness u mmarkat bħala Dok A*[1]*;*

3. *Illi għalkemm l-konvenut ġie debitament interpellat mill-attur permezz ta' ittra ġudizzjarja (Dok B*[2]*) sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, dan baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant l-attur talab sabiex din l-Onorabbli Qorti joġġħobha:*

1. *Tiddikjara d-danni sofferti mill-attur fuq il-persuna tiegħu ġew ikkaġunati unikament minħabba l-aġir tal-konvenut;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u dana a kawża tal-aġir tal-konvenut;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Etienne Fenech** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Mejju, 2013, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

2. *Illi l-inċident de quo seħħ unikament minħabba l-aġir aggressiv tal-attur u mhux tal-esponent.*

3. *Illi għalhekk l-intimat ma kkawża l-ebda danni lill-attur.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju l-attur ma sofra l-ebda danni.*

5. *Illi in effetti skont ir-rapport mediku anness mar-rikors promotur mhuwiex ċar jekk l-allegat diżabilità huwiex ta' natura permanenti, peress li l-attur stess ma*

---

[1] *A fol.* 4 sa 6.

[2] Datata 21.05.2012 u mibgħuta kemm lill-konvenut kif ukoll lil Antoine Spiteri a *fol.* 7 u 8.

*ħax il-passi meħtieġa u dan stante li l-istess rapport jgħid 'too much time has passed to consider surgery now'.*

6. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2013 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta ħatret lil Mr Massimo Abela bħala Espert Mediku.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2014 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta ħatret lil Dr Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju f'din il-kawża, kif ukoll il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Frar, 2016 fejn din il-Qorti kif preseduta kienet irrevokat l-inkarigu tagħha.

Rat illi b'ordni tal-Prim Imħallef tal-5 ta' Novembru, 2015, din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2016, fejn il-partijiet qablu li l-provi miġbura fl-atti tal-kawża Rikors Maħluf 475/13, li qed tinstema' wkoll minn din il-Qorti kif preseduta, għandhom jiffurmaw parti mill-provi miġbura f'din il-kawża.

Rat ir-rapport tal-Espert Mediku Mr Massimo Abela.[3]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

[3] *A fol.* 36 sa 39, fejn ġiet tiskontrata diżabilità permanenti ta' 3%.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda miġbura mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat id-dokumenti u t-traskrizzjoni tax-xhieda miġbura fl-atti tal-kawża numru 475/13LM.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fl-4 ta' Settembru, 2010 il-partijiet kif ukoll bin l-attur Matthew Vella u ħu l-mara tal-konvenut Antoine Spiteri, kienu ġew fl-idejn f'argument dwar xi ilma li kien qed jiskula quddiem il-*boathouse* tal-attur waqt li l-konvenut Etienne Fenech kien qed jaħsel id-dgħajsa ta' oħtu quddiem il-*boathouse* tiegħu, ftit 'il fuq mill-*boathouse* tal-attur. L-attur Mario Vella allegatament ġie mweġġa' b'katina li kellu l-konvenut Etienne Fenech u l-kawża odjerna hija dwar ir-responsabbilità għall-feriti allegatament sofferti mill-attur konsegwenza tal-imsemmija ġlieda u għall-eventwali ħlas ta' danni. Il-partijiet f'din il-kawża u

fil-kawża konnessa magħha[4] jwaħħlu f'xulxin u jgħidu li ġew aggrediti mill-parti l-oħra u jsostnu li kulma għamlu kien li jiddefendu lilhom infushom mill-aggressjoni tal-parti l-oħra.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

*Provi dwar ir-responsabbiltà:*

Fl-affidavit tiegħu l-attur **Mario Vella** jispjega[5] li hu għandu *boathouse* fi Triq ix-Xtut, il-Qawra u l-konvenut għandu *boathouse* oħra 'l fuq minnu. Dakinhar tal-inċident fl-4 ta' Settembru, 2010 bejn is-6.00 u s-7.00p.m., il-konvenut tella' d-dgħajsa ta' oħtu mill-baħar għal got-triq quddiem il-*boathouse* tiegħu u beda jaħsilha mill-ilma baħar bil-*pipe*. Mal-konvenut kien hemm ħu l-mara tiegħu Antoine Spiteri. L-ilma beda jiskula fit-triq għal quddiem il-*boathouse* tal-attur u fforma għadira ta' ilma maħmuġ imħallat bl-ilma tal-baħar. Peress li kien hemm il-karozza tat-tifel ipparkjata quddiem il-*boathouse* tiegħu, il-karozzi li bdew jgħaddu mit-triq bdew itajru dan l-ilma fuq il-karozza ta' ibnu. L-attur għalhekk mar ħdejn il-konvenut u qallu "mela inti hekk tagħmel?!" u l-konvenut wieġbu "mhux int xtrajt *boathouse* aktar 'l isfel minna." Kif l-attur qal lill-konvenut li ma kellux jitfa' ż-żibel quddiemu, Antoine Spiteri mar fuqu u mbuttah u l-konvenut ġab katina kbira tal-metall mill-*boathouse* tiegħu u beda jxejjirha bl-addoċċ u laqat lill-attur f'idu x-xellugija. L-attur jgħid li mhux veru li l-konvenut uża l-katina biex jifirdu minn ma' Antoine Spiteri. L-attur jgħid li hu ddefenda ruħu kif seta' u jinnega li kien xejjer daqqa lil Antoine Spiteri u jgħid li probabbilment anki Spiteri kien ġie milqut bil-katina tal-konvenut. L-attur

[4] Rikors Maħluf Nru. 475/13LM.

[5] *A fol.* 42 u 43.

jgħid li ibnu Matthew kien preżenti mill-mument li Spiteri mbuttah u ibnu pprova jiddefendih kif seta', imma ibnu la kien weġġa' lil Spiteri u lanqas lill-konvenut.

L-attur jgħid li ma ra ebda dmija fuq l-konvenut u fuq ħatnu, imma l-katina tal-konvenut spiċċat mal-art u l-mara tiegħu ġabritha u wara għaddietha lill-Pulizija li kienu marru fuq il-post biex jaraw x'ġara. Mario Vella jgħid li kienu ttieħdu proċeduri kriminali mill-Pulizija kontra l-erba' li huma u ppreżenta kopja tas-sentenza fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn hu u ibnu kienu ġew mixlija li aggredew lil Antoine Spiteri u kkawżawlu feriti gravi.[6] Mario Vella nnega li wara li kienet waqfet l-ġlieda, hu kien xejjer daqqa ta' ponn lil Antoine Spiteri f'imniehru kif allegaw Spiteri u Etienne Fenech.[7]

In kontroeżami l-attur Mario Vella jgħid[8] li għall-ewwel kien ra biss lil Etienne Fenech meta huwa mar ikellmu fuq l-ilma u ma kienx ta każ jekk kienx hemm Antoine Spiteri, li ġie f'salt minn quddiemu u mbuttah u dak il-ħin Fenech kien diġà daħal fil-*boathouse* biex iġib il-katina. Mario Vella jgħid li l-katina kienet ħoxna u tqila però mhux tali li Etienne Fenech ma setax jerfagħha. Mario Vella spjega li Fenech żamm il-katina biż-żewġ idejn u meta xejjer il-katina lejh, din daret ma' idu u kkaġunatlu l-feriti. Mario Vella jgħid li żgur ma kienx imqabbad ma' Antoine Spiteri meta Fenech xejjirlu daqqa bil-katina. Mario Vella jgħid ukoll li l-katina li ġab Fenech ma kinitx mal-art fejn kien qed jaħsel id-dgħajsa, imma kienet ġewwa l-*boathouse.*

---

[6] **Il-Pulizija *vs.* Mario Vella u Matthew Vella**, 04.07.2012, *a fol.* 55 sa 57. L-attur u ibnu kienu ġew liberati wara li Antoine Spiteri u Etienne Fenech għażlu li ma jixhdux peress li kien għad hemm proċeduri kriminali pendenti kontrihom u l-uniċi provi li tressqu kienet ix-xhieda tal-akkużati stess u għalhekk l-imputazzjonijiet kontra Mario u Matthew Vella ma ġewx sodisfaċentement ippruvati.
[7] *A fol.* 153.
[8] *A fol.* 140 sa 147 u 150 sa 153.

L-attur ippreżenta kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Etienne Fenech**[9], fejn il-konvenut odjern kien instab ħati li kien aggredixxa lill-attur odjern bil-katina u li kien eċċeda l-limitu ta' difiża biex allegatament jiddefendi lil Antoine Spiteri u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati imponiet piena karċerarja ta' sitt xhur sospiża għal sena. F'din is-sentenza jingħad li mill-provi miġjuba quddiemha, il-Qorti kienet temmen li kien Mario Vella li weġġa' lil Antoine Spiteri u temmen ukoll li għalkemm Etienne Fenech qal li ma kienx kapaċi juża l-katina minħabba li kellu spalla dislokata, anzi qal li meta qabad il-katina, waqgħetlu minn idu, ma emnitux għax qalet li hekk kif seta' jaħsel il-karozza seta' juża l-katina u apparti minnhekk irriżulta li Mario Vella tabilħaqq kien qala' daqqiet fuq idu.

Fl-affidavit tiegħu **Matthew Vella** kkonferma[10] dak kollu li xehed missieru fl-affidavit tiegħu sa fejn hu kien sema' wkoll d-diskors bejn Fenech u missieru meta kien għadu kif tela' mill-baħar. Matthew Vella jgħid hu kien qal lil Spiteri u lil Fenech li tal-inqas setgħu avżawh biex imexxi l-karozza tiegħu minn fejn kienet. Matthew Vella jgħid li hekk kif Spiteri mbotta lil missieru, hu daħal bejniethom u dak il-ħin niżel Fenech ixejjer katina u biha laqat lil missieru f'idu. Ix-xhud ikkonferma li hu u missieru ma taw ebda daqqiet lil Spiteri u bħal missieru qal illi probabbilment dan weġġa' b'xi daqqa tal-katina mingħand Fenech stess. In kontroeżami Matthew Vella jgħid[11] li lil Antoine Spiteri rah ħiereġ minn wara d-dgħajsa u kif imbotta lil missieru, Fenech kien

[9] Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 11.06.2014, *a fol.* 97 sa 112.
[10] *A fol.* 58.
[11] *A fol.* 148A u 148.

diġà daħal fil-*boathouse* minn fejn ġab il-katina. Matthew Vella jgħid li hu daħal bejn missieru u Antoine Spiteri u nnega li kien ta xi daqqa ta' ponn lil Spiteri.

Xehed ukoll **PS 914 Ivan Mifsud**[12], li esebixxa r-rapport tal-inċident[13] u qal kif fil-ġurnata tal-inċident kienu marru l-għassa tal-Qawra Antoine Spiteri u Etienne Fenech u t-tnejn li huma kellhom xi dmija u rrakkontaw kif ġew attakkati minn Mario Vella. Hu qalilhom biex imorru l-poliklinika tal-Mosta minħabba l-feriti li kellhom fejn irriżulta li Antoine Spiteri kellu feriti gravi. Sussegwemtement huwa mar fuq il-post tal-ġlieda u sab lil Mario Vella u Matthew Vella u dawn taw il-verżjoni tagħhom. Ix-xhud kien qal lil Mario Vella biex imur il-poliklinika tal-Mosta għax kien imweġġa', fejn l-ewwel it-tabib Dr A. Bonello ċċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi ħfief, però fl-20 ta' Settembru, 2010 l-attur Mario Vella ppreżentalu ċertifikat ta' Dr Datz li kien qed isofri minn ġrieħi gravi.

Skont ir-Rapport tal-Inċident tal-Pulizija PIRS II 9/V/4319/2010, Mario Vella u Matthew Vella kienu sostnew li meta avviċinaw lil Etienne Fenech dan beda jkellimhom ħażin u hekk kif Antoine Spiteri ħareġ mill-*boathouse* anki dan beda jkellimhom ħażin u kienu ġew fl-idejn u Etienne Fenech attakkahom b'katina. Etienne Fenech kien qal li meta kien qed jaħsel id-dgħajsa ta' oħtu, avviċinawh Mario Vella u ibnu u dawn bdew jgħajtu miegħu u jinsulentawh u kif irrispondiehom attakkawh. Fenech qal illi biex jiddefendi ruħu għax kellu diżabilità u ma setax jimxi sewwa, uża katina li kellu. Qal li kif ħareġ Spiteri mill-*boathouse* attakkaw lilu wkoll. F'dan ir-rapport jintqal ukoll li Antoine Spiteri kien stqarr mal-Pulizija li dakinhar tal-inċident kien qed jieħu *shower* fil-

[12] *A fol.* 91 sa 94.
[13] *A fol.* 95 sa 101.

*boathouse* tiegħu u kif sema' l-għajjat ħareġ u sab lil Mario Vella u ibnu jattakkaw lil Etienne Fenech u meta mar jipprova jwaqqafhom, attakkaw lilu wkoll.

Il-konvenut ippreżenta kopja tal-affidavit tiegħu u ta' Antoine Spiteri li ġew ippreżentati fil-kawża konnessa ma' din il-kawża Rikors Maħluf Nru 475/2013LM.[14]

Il-konvenut **Etienne Fenech** fl-affidavit tiegħu jgħid[15] li dakinhar tal-inċident wara li tella' d-dgħajsa ta' oħtu u qiegħdha quddiem il-*boathouse* tiegħu bħas-soltu, kien qed ilaħlaħha bl-ilma biss għax kienet għadha ġdida. Il-konvenut jgħid li f'ħin minnhom ħareġ Mario Vella mill-*boathouse* tiegħu u beda jgħajjat miegħu u jgħidlu li jekk il-karozzi jtajjru l-ilma fuq il-vettura tiegħu b'rasu jdur. Fenech jgħid li għall-ewwel ma tax kasu, però meta beda ġej lejh, kien qallu li huwa ma kellux tort għax-xaqliba tat-triq. Il-konvenut jgħid illi mbagħad ġie wkoll it-tifel ta' Mario Vella, Matthew u baqgħu jgergru ħdejh u meta kienu se jitilqu, wieħed minnhom offendih b'kemm għandu. Dak il-ħin qal li ħareġ ħatnu Antoine Spiteri, li kien fil-*boathouse* ta' missieru żewġ bibien 'il bogħod, u kif ġie ħdejhom daru it-tnejn għalih u qabdu jagħtuh. Il-konvenut jgħid li biex jipprova jiddefendi l-ħatnu u peress li hu għandu diżabilità, qabad katina li kien hemm mal-art biex jifred lil Mario Vella u ibnu minn ma' Spiteri. Fenech jgħid li huwa ma tax bil-katina u fil-fatt waqgħetlu mal-art u dawwar dirgħajh il-leminija ma' għonq Mario Vella biex jiġbdu. Mario Vella beda jimbuttah lura u tah daqtejn u wara ġie ċertu Johnny minn *boathouse* oħra u ferraqhom. Il-

---

[14] **Antoine Spiteri *vs.* Mario Vella *et***, fejn hemmhekk Antoine Spiteri qed ifittex lil Mario Vella u lil Matthew Vella għad-danni allegatament sofferti minnu.
[15] *A fol.* 57 u 58.

konvenut osserva li mart Mario Vella ġabret il-katina u daħlitha fil-*boathouse* tagħhom. Il-konvenut kompla jgħid li xħin telaq lil Mario Vella, dan għal għarrieda b'idu ix-xellugija ta daqqa ta' ponn f'wiċċ Spiteri fuq in-naħa tal-lemin. Qal li wara hu u ħatnu Spiteri għamlu rapport l-għassa u wara marru l-poliklinika tal-Mosta. Meta hu mar lura l-*boathouse,* sab lil Mario Vella ma' ħbiebu jixorbu, jidħqu u jieklu l-pizza. Qal li fl-20 ta' Settembru ċempillu l-Ispettur Bond li qallu li Mario Vella kien informa lill-Pulizija li kienet qed tuġgħu idu.

Fenech xehed ukoll *viva voce*[16] fejn qal li meta Mario Vella u ibnu Matthew assaltaw lil Antoine Spiteri, kienu xi żewġ metri 'l bogħod minnu u biex iferraqhom kien hemm katina mal-art ħdejn id-dgħajsa u qal li peress li jsofri b'diżabilità kemm f'sieqU u kemm f'idu, hu għolla l-katina biex iferraqhom. Il-konvenut jgħid li huwa ma laqat lil ħadd u l-katina waqgħet mal-art. Fenech jgħid li f'ħin minnhom ġibed lil Mario Vella bil-katina u dan waqa' mal-art u llokjah b'idejh biex ma jiċċaqlaqx. Il-konvenut jgħid li wara kien tfaċċa ċertu Johnny biex iferraqhom u Mario Vella ċeda u ma baqax jagħti, iżda huma u sejrin, dan ta daqqa ta' ponn lil Antoine Spiteri.

Dwar id-diżabilità li għandu, Fenech spjega li fl-2003 kellu inċident bil-vann tax-xogħol u kellu feriti gravi f'sieqU u idu x-xellugija tiżloga ruħa u idu l-leminija miksura fi tnax-il biċċa u allura ma jistax jiġġieled b'idejh. F'dan ir-rigward esebixxa r-*records* tal-isptar St Luke's[17] tas-snin 2003 u 2004.

[16] *A fol.* 127 sa 129 u 181 sa 183.
[17] *A fol.* 130 sa 135.

Fil-kontroeżami tiegħu Fenech jgħid[18] illi d-dgħajsa li kien qed jaħsel fil-ġurnata tal-inċident kienet ta' ħames metri u nofs u kienet ta' oħtu ż-żgħira mhux tiegħu. Kien biegħha lil oħtu u kien għena tniżżilha l-baħar dakinhar tal-inċident u wara għena ttellagħha fuq it-*trailer*. Hu kien qed ilaħlaħ id-dgaħjsa minn barra bil-*pipe* tal-ilma u oħtu ta' 36 sena u l-mara tiegħu kienu qed jivvakumjawha minn ġewwa. Ix-xhud jgħid li qabel dik il-ġurnata qatt ma kellu problemi ma' Mario Vella u lanqas biss kien qatt kellmu. Dakinhar Mario Vella ma kienx mar ikellmu bil-kelma t-tajba u qallu li jekk tixxarrab il-karozza tat-tifel tiegħu, b'rasu jdur. Ix-xhud jgħid li ma jafx jekk il-familjari li kien hemm dak il-ħin, inkluż it-tfal ta' ħatnu, semgħux dan id-diskors. Ix-xhud jgħid illi ħdejn id-dgħajsa kien hemm katina ta' żewġ metri biex biha tinġibed l-ankra u ġabarha mill-art. Il-konvenut jispjega li għalkemm għandu ksur f'id, ġabarha b'żewġ idejn, għollieha 'l fuq biex jipprova jferraq lil Mario Vella minn mal-attur. Tefagħha mal-art u ġibed lil Mario Vella u żammu u dan beda jimbuttah imma xorta żammu llokjat sakemm ġie ċertu Johnny minn *boathouse* oħra biex iferraqhom. Ix-xhud jgħid li hekk kif kienu se jitilqu, Mario Vella ta daqqa ta' ponn f'wiċċ ħatnu b'idu ix-xellugija. Mistoqsi għaliex kien issa li qed isemmi li Mario Vella ta daqqa b'idu x-xellugija u jekk qed jallega dan għax illum jaf li Mario Vella weġġa' f'dik l-id, Etienne Fenech wieġeb li jaf żgur li Mario Vella ta daqqa ta' ponn f'wiċċ Spiteri. Spjega li għalkemm hu għandu diżabilità fiżika fl-ispalla, ma jfissirx li ma jista' jagħmel xejn u d-dgħajsa niżżilha u tellagħha bit-*trailer* u b'ħamsa u għoxrin sena esperjenza mingħajr ebda sforz fiżiku.

Fl-affidavit tiegħu **Antoine Spiteri**[19] jgħid li dakinhar tal-inċident ħatnu Etienne Fenech kien tella' d-dgħajsa ta' oħtu, u meta dan kien qed jinħasel fis-*shower*

[18] *A fol.* 166 sa 175.
[19] *A fol.* 55 u 56.

tal-*boathouse* ta' missieru, sema' ħafna storbju. Mar jittawwal u sab lil Mario Vella u Matthew Vella jikkustinjaw ma' ħatnu Etienne Fenech. Spiteri jgħid li meta resaq lejhom, mingħajr ebda raġuni dawn daru għalih u Etienne Fenech kien ġibed lil Mario Vella minn fuqu. Antoine Spiteri jgħid li Matthew Vella tah daqqa ta' ponn f'imnieħru u spiċċa nfaraġ u wara li pprova jferraqhom ċertu Johnny, Mario Vella b'idu x-xellugija tah daqqa ta' ponn fuq widnejh tal-lemin. Ix-xhud jgħid li kienu għamlu rapport l-għassa u wara kien mar il-poliklinika tal-Mosta li mbagħad bagħtuh l-isptar Mater Dei. L-għada reġa' mar l-għassa u wara kien ċempillu l-Ispettur Bond li qallu li Mario Vella xtaq li jirranġaw bejnithom, però qal li meta rah aktar kmieni filgħodu, Mario Vella lanqas biss kellmu jew skuża ruħu.

**Antoine Spiteri** in kontroeżami[20] jgħid li ħatnu Etienne Fenech tella' d-dgħajsa ta' oħtu u ħa l-ilma minn għandu biex jaħsilha għax ħatnu ma kellux ilma. Meta kien jieħu *shower* sema' l-istorbju għad li x-*shower* kien fin-naħa ta' ġewwa tal-*boathouse* tiegħu li hija ta' xi erbgħin pied u minkejja dan, imma xorta jisma' l-għajjat. Ix-xhud jgħid li kien sema' lil Mario Vella u lil Etienne Fenech joffendu lil xulxin u meta ħareġ ra ukoll lil Matthew Vella hemmhekk. Mistoqsi jekk meta ħareġ kienx sabhom jgħajjru lill-xulxin jew kienux il-konvenuti qed jattakkaw lil ħatnu, għax l-attur hekk kien qal lill-Pulizija dakinhar tal-inċident[21], huwa wieġeb li jista' jkun li żbalja dakinhar tal-inċident fil-fixla meta kellem lill-Pulizija.

Antoine Spiteri jgħid li meta ħareġ mill-*boathouse* ma kienx kellimhom lil Mario Vella u lil ibnu Matthew, u dawn daru għalih għal xejn b'xejn u ma jafx

[20] *A fol.* 154 sa 165.
[21] Ara ir-rapport tal-Pulizija *a fol.* 81.

għaliex. Ix-xhud jgħid li Matthew Vella tah daqqa ta' ponn fuq imnieħru u meta spiċċat il-ġlieda Mario Vella tah daqqa oħra għall-għarrieda u kien hemm li safa korrut. Spiteri jgħid li fl-ebda ħin ma kien ra lil Etienne Fenech b'xi katina f'idejh.

*Provi dwar danni sofferti mill-attur:*

L-attur **Mario Vella** eżebixxa *a fol.* 19 prospett ta' danni li qiegħed jippretendi li għandu jitħallas mill-konvenut:

> *"**Lucrum cessans**: Wage: €24,600 x 9 years x 3% disability = Amount €6,642*
>
> *Reductions to own consumption €6,642 - €1,327= €5,314.*
>
> ***Damnum emergens:*** M'hemmx spejjeż"

Flimkien mar-Rikors Maħluf l-attur ippreżenta rapport tal-konsulent kirurgu ortopediku *ex parte* **Mr Carmel Sciberras**[22] datat 8 ta' Ġunju, 2011. Ir-rapport jinkludi dak li kien qallu l-attur, ċjoè li waqt il-ġlieda kien intlaqat b'katina u minħabba f'hekk idu u minkbu ix-xellugija kienu ntefħu. Mr. Sciberras qal li *x-rays* żvelaw *"an undisplaced fracture of the proximal phalanx of his index finger but there were no fractures in his elbow."* Mr. Sciberras jgħid ukoll li l-attur qallu li meta kellu uġigħ f'minkbu u kien ra speċjalista, dan kien tah parir li ma jagħmilx intervent kirurgiku minħabba problemi li setgħu jinqalgħu. Mr. Sciberras jgħid li l-attur kien qallu li għadu jħoss idu ix-xellugija inqas

[22] *A fol.* 4 sa 6.

b'saħħitha wara l-inċident u li *"his left hand is completely asymptomatic"*. Mill-eżami li Mr. Sciberras għamel fuq l-attur fil-25 ta' Mejju 2011, irriżulta li:

*" <u>L.arm</u>: Obvious abnormal buldge of the biceps muscle.*

*<u>L. elbow</u>: Distal biceps tendon was not felt. No tenderness.*

*Full range of movement.*

*Grade 4 + for both flexion and supination of forearm.*

*<u>L. hand</u>: No deformity.*

*Good grip.*

*No tenderness.*

*<u>IMPRESSION</u>: Mr Vella's distal biceps tendon L. was torn. There is a bit of a controversy whether to operate or not on this tendon, though. I believe, most surgeons would operate. However, a recent evidence showed that if the tendon was not repaired immediately, the long term function of the elbow, though not perfect, is quite adequate in a lot of cases. There is a mild decrease in power of flexion of elbow and supination of forearm but no loss of movement. Other muscles help to take over the elbow flexion and forearm supination function. Too much time has passed to consider surgery now.*

*<u>DISABILITY</u>: 3% (three per cent)."*

L-attur eżebixxa ukoll l-FS3, rendikont tad-dħul għas-sena 2012 tal-*fuel station* tiegħu bl-isem Mario's Petrol Station fi Triq iż-Zurrieq, Safi[23], li kien l-uniku dħul tiegħu, li għal dik is-sena kienet turi qliegħ net ta' €24,600[24] u kopja tal-Karta tal-Identità tiegħu[25] li tindika li twieled fil-25 ta' Diċembru, 1954. L-attur eżebixxa ukoll it-*tax returns* tas-snin 2010 (€23,260 qliegħ nett), 2011 (€24,560 qliegħ nett), 2012 (€24,600 qliegħ nett), 2013 (€21,202 qliegħ nett) u 2014 (€21,191 qliegħ nett).[26]

---

[23] *A fol.* 20.
[24] *A fol.* 51 sa 52 u 54 eżebixxa ukoll rendikont tal-qliegħ net għas-snin 2009 (€24,658), 2010 (€23,228), 2011 (€24,560) u 2013 (€21,202).
[25] *A fol.* 27.
[26] *A fol.* 173.

L-attur eżebixxa ukoll iċ-ċertifikat tas-17 ta' Settembru, 2010[27] maħruġ mid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei mit-tabib Dr. Satya Brata Datz, li iddeskriva il-feriti li kellu Mario Vella bħala *"grievous".* Mario Vella eżebixxa ukoll ritratt ta' idu meħud minn ibnu Matthew Vella wara l-inċident, li juri it-tbenġil evidenti.[28]

Xehed ukoll it-tabib **Dr. Satya Brata Datz**[29], li kkonferma ir-rapport tiegħu tas-17 ta' Settembru, 2010. Spjega li fir-realtà huwa kien eżamina lill-attur fl-4 ta' Settembru, 2010 fit-8.30 p.m., dakinhar li seħħ l-inċident, imma r-rapport kien għamlu fis-17 ta' Settembru, 2010. Dakinhar li eżamina lill-attur, ix-xhud irriskontra li dan kellu frattura fil-ponn ta' idu ix-xellugija u tiċrita fil-*biceps,* li kienu jidhru li kienu għadhom kif ġew ikkawżati. Ix-xhud jgħid li l-frattura normalment tieħu sitt ġimgħat biex tfieq u tieħu aktar biex tfieq sewwa u t-tiċrita trid iż-żmien ukoll biex tfieq. Ix-xhud qal illi wara ma kompliex isegwi l-każ tal-attur. In kontro-eżami x-xhud qal[30] li r-rapport tiegħu ġie redatt min-notamenti li kien ħa hu stess fl-4 ta' Settembru, 2010 u fil-fatt eżebixxa in-notamenti tiegħu *a fol.* 91 u 92 tal-proċess. Ix-xhud ikkoferma li lill-attur kienu ħadulu *x-ray* u dan kellu frattura fl-għadma tal-polz iktar 'il fuq lejn *"l-index finger".* Ix-xhud jgħid li l-attur kien ġie eżaminat ukoll minn Dr. Renè Camilleri li huwa s-*senior* tiegħu l-isptar, però qal li kien hu biss li ħa notamenti dakinhar. Ix-xhud jgħid li l-frattura setgħet kienet kompatibbli ma' daqqa ta' ponn li jkun ta l-vittma stess, però qal ukoll li setgħet ukoll kienet konformi ma' daqqa b'katina u l-istess ħaġa fil-każ tat-tiċrita fil-*biceps.*

---

[27] *A fol.* 28.
[28] *A fol.* 46.
[29] *A fol.* 83 sa 84.
[30] *A fol.* 84 u 86 sa 90.

L-attur **Mario Vella**[31] ikkonferma li dakinhar tal-inċident kien mar l-isptar u rah Dr. Datz u kien reġa' mar darba oħra l-isptar meta bdiet tuġgħu idu meta kien reġa' rah Dr. Datz.

Il-konvenut min-naħa tiegħu eżebixxa ritratti meħudin minn fuq l-*internet* ta' Rita Vella ma' żewġha l-attur[32], li juru lill-attur fuq btala fil-muntanji fis-silġ bilqegħda fuq mutur tas-silġ, bilqegħda fuq bord tas-silġ u fuq siġġu funikular biex juri li mhux minnu li l-attur kien weġġa'. Però l-attur ikkonferma fix-xhieda tiegħu li kien mar btala ma' martu wara l-inċident, imma ma kienx mar jiskija, għax ma kienx jaf u lanqas għamel xi attivitajiet diffiċli li ma setax jagħmel minħabba spalltu u idu.

*Rapport tal-espert mediku Mr. Massimo Abela:*

Mr Massimo Abela li kien ġie maħtur L-Espert Mediku minn din il-Qorti kif diversament preseduta, ippreżenta r-rapport tiegħu datat 31 ta' Jannar, 2013.[33] Dan ir-rapport l-ewwel jagħti l-istorja meta fil-ġurnata tal-inċident l-attur kien ġie eżaminat minn Dr. Satya Brata Datz, fejn instab ksur fit-tieni metakarpu tal-id u tiċrita tal-muscolu *biceps.* Sussegwentement l-attur kien ġie invistat minn Mr. Frederick Zammit Maempel, però l-attur kien iddeċieda li ma jagħmilx operazzjoni fuq il-muskolu mċarrat. Ir-rapport tal-Espert Mediku ikompli jgħid:

[31] *A fol.* 181 sa 184.
[32] *A fol.* 135.
[33] *A fol.* 36 sa 39.

"**Eżami Mediku:**

Moviment normali fl-għonq u fil-ġogi kollha tad-driegħ.

Diformità tipika (*Popeye arm*) ta' tiċrita tal-muskolu *biceps* tax-xellug. Dgħjufija ta' bejn wieħed u ieħor 20% tal-flessjoni tal-minkeb u tal-pronosupinazjoni.

L-eżami newroloġiku tad-driegħ hu normali.

**Investigazzjonijiet**

***Radiographs* 04/09/2010:**

*Left Hand - Fracture neck 2nd. metacarpel with mild angulation.*

*Chest – Normal.*

***Ultrasound Left Elbow* 18/11/2010:** *Reported by Josef Mateika – defect in the distal tendon of the biceps muscle consistent with a partial tear.*

**Opinjoni Medika:**

Mr Mario Vella ġarrab ġrieħi ta' natura serja meta kien involut f'tilwima fl-04.09.2010. Kellu ksur tat-tieni metakarpu tal-id tax-xellug u tiċrita tal-muskolu *biceps* tal-minkeb tax-xellug. Il-ksur fieq u m'għandu l-ebda problemi relatati miegħu. Il-muskolu *biceps* ovvjament għadu mċarrat, u riżultat ta' dan Mr Vella għadu jilmenta minn djufija fil-minkeb u fil-ġog radju-ulnari tax-xellug. Din id-djufija hi permanenti.

**Evalwazzjoni tar-Rata ta' Diżabilità Permanenti:**

Ir-rata ta' diżabilità ġiet evalwata b'referenza għal diversi kotba fosthom:

- <u>*Guides to the Evolution of Permanent Impairment*</u> *– American Medical Association.*

Fl-opinjoni tiegħi ir-rata ta' diżabilità ta' Mario Vella tammonta għal 3%."

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġew esebiti kopji ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan wara li kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-erbgħa persuni involulti fil-ġlieda inkwistjoni, ladarba kien irriżulta li kemm l-attur u kemm l-konvenut Mario Vella kienu ġarbu ġrieħi gravi. Irid jingħad li għalkemm kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Maruice Meli Bugeja *pro et noe vs.* Francis Vella**[34], li:

> "Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori ta' proċeduri kriminali..."

u dan wara kollox kif inhu statwit bl-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali fejn huwa rikonoxxut illi att delittwuż jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet, waħda kriminali u l-oħra ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra, fis-sentenza fl-ismijiet **Godfrey Schembri *vs.* Victor Portelli**[35] intqal kif ġej:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, <u>iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti</u>" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può*

[34] P.A., datata 26.01.2001.
[35] Q.A., 31.05.2013.

> *al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale*".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[36], b'adeżjoni ma' ġurisprudenza anterjuri, intqal li "ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi migbura fi provediment kriminali", proprju għaliex ma hemm xejn kuntrarju fil-ligi li f'kawża ċivili tiġi esebita kopja ta' sentenza mogħtija f'kawża kriminali fuq l-istess fatti, sakemm din tkun biss waħda mill-provi li qorti ċivili tieħu in konsiderazzjoni.[37]

Illi kwantu għall-grad probatorju rikjest fi proċeduri ċivili u fi proċeduri kriminali:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, App. 25.02.1952).[38]

Fil-proċeduri odjerni, ġiet eżebita kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Mario Vella u Matthew Vella** li ma tantx hi ta' għajnuna għax f'dawk il-proċeduri ma kienux xehdu Antoine Spiteri u Etienne Fenech u għalhekk dik il-Qorti kull ma kellha quddiemha kienet ix-xhieda tal-attur odjern u ta' ibnu Matthew Vella, għax

[36] P.A., 28.01.2010.
[37] Ara wkoll f'dan is-sens **Pace *vs.* Camilleri**, Q,A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A., 30.04.2009.
[38] Ara ukoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, App., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta Limited) *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

anki ix-xhieda tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li jkunu investigaw il-każ, tkun ibbażata fuq dak li jkun intqal lilhom. Iżda għar-rigward tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Etienne Fenech** li ukoll ġiet eżebita, ai termini tal-ġurisprudenza suċitata, din il-Qorti ċertament tista' tieħu konjizzjoni ta' din s-sentenza għall-finijiet ta' apprezzament tal-provi imressqin quddiemha.

Illi kwantu għar-responsabbilità għall-akkadut, din il-Qorti hi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet opposti għal xulxin. L-attur Mario Vella u ibnu Matthew min-naħa tagħhom jgħidu li Mario Vella kellem lil Etienne Fenech bil-kelma it-tajba, iżda ġie aggredit minn Fenech b'katina u minn Antoine Spiteri, filwaqt li l-konvenut Etienne Fenech u ħatnu Antoine Spiteri jgħidu li filwaqt li Mario Vella u Matthew Vella kienu marru jilmentaw b'mod aggressiv ma' Etienne Fenech dwar l-ilma li kien nieżel fit-triq, dawn bla ebda raġuni attakkaw lil Antoine Spiteri hekk kif tfaċċa u l-konvenut Etienne Fenech iddefenda biss lil Spiteri billi ipprova jżomm lil Mario Vella milli ikompli jaggredih u ma tah ebda daqqiet bil-katina. Liema minn dawn iż-żewġ verżjonijiet hija dik veritjera, hija ovvjament kwistjoni ta' importanza assoluta u l-qofol tal-vertenza odjerna. L-artikoli 1030 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw ir-responsabbilità u eventwali ħlas ta' danni japplikaw għal sitwazzjonijiet bħal dik odjerna:

> "**1030.** Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.
>
> **1031.** Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.
**1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Tqis illi f'sitwazzjoni bħal din b'verżjonijiet hekk dijametrikament opposti għal xulxin, il-Qorti trid bilfors ikollha tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki prepon-deranza ta' probabbiltajiet li jistgħu inisslu ċertezza morali fil-ġudikant u dan aktar u aktar f'każ fejn il-partijiet fi ġlieda, tnejn fuq naħa u tnejn fuq in-naħa l-oħra, kienu l-uniċi xhieda okulari fil-kawża.

Meta ikun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[39] Il-grad probatorju rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[40]

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Kif ingħad mill-Qrati tagħna:

[39] **Borg *vs*. Bartolo,** App. Inf., 25.06. 1980.
[40] *Vide* wkoll **Caruana *vs*. Laurenti,** P.A., 08.04.1994; **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A.,17.07.1981; **Vassallo *vs*. Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs*. Petrococchino,** App. Kum., 25.02.1952.

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[41]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fis-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut**[42] irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawza għandu jiġi esaminat liema waħda mit-tezijiet konfilinġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[43]

---

[41] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.

[42] 02.06.2003.

[43] *Vide* ukoll P.A., 09.12.2011, **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[44] fejn ingħad illi:

> "In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timpani a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, pġ. 5**.
>
> b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara **Vol. XXXVII, P.i, pġ. 577**;
>
> ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;
>
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont

[44] App.Inf., 12.04.2007.

ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol.XXIV. P.i, pġ. 104)".

Applikati dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, tqis illi kienet ferm iżjed konvinċenti il-verżjoni ta' Mario u Matthew Vella li kienu konsistenti fix-xhieda tagħhom mill-bidu sal-aħħar. Din il-Qorti tqis li l-verżjoni li taw Etienne Fenech u Antoine Spiteri, man mano kienet tinbidel skont iċ-ċirkustanzi u kien hemm hafna diskrepanzi fix-xhieda tagħhom. Hekk pereżempju Etienne Fenech ipprova jagħti x'jifhem li hu ma kellux saħħa f'idu li jerfa' katina u jxejjer biha d-daqqiet. Però ħin minnhom jammetti fix-xhieda tiegħu li kien qabad il-katina b'żewġ idejn, kif wara kollox sostna Mario Vella, u għollieha 'il fuq. Etienne Fenech ma jagħti ebda spjegazzjoni għalfejn irrikora għal ġest vjolenti bħal dan. Ħin minnhom fix-xhieda tiegħu Etienne Fenech jgħid li l-katina waqgħetlu minn idejh, imma fix-xhieda li ta fil-kawża Rikors Maħluf Nru. 475/13[45], jammetti li ġibed lill-attur bil-katina, meta f'partijiet oħrajn tax-xhieda tiegħu qal li din il-katina meta għollieha waqgħet minn idu. Il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża istitwita mill-Pulizija kontra Etienne Fenech ma emmnitx lill-imputat meta qal li ma kellux saħħa f'idu, għax sostniet li dan ma setax ikun meta ammetta li felaħ jaħsel id-dgħajsa ta' oħtu. Terġa' u tgħid jekk il-konvenut kien tant diżabilitat li kellu idu ix-xellugija tiżloga ruħha u idu il-leminija miksura fi tnax il-biċċa, allura kif irnexxilu skont kif qal hu, jillokkja għonq l-attur? Kien ikun aktar faċli għalih li jxejjer għal ftit katina ta' żewġ metri milli jibqa' iżomm persuna illokkjata jekk idejh kienu daqstant problematiċi.

[45] *A fol.* 128

Waqt ix-xhieda tiegħu il-konvenut Etienne Fenech jgħid li hu kien tella' d-dgħajsa ta' oħtu mill-baħar u biex jipprova li seta' jagħmel dan minkejja d-diżabilità tiegħu, spjega in kontro-eżami li kien irnexxilu jagħmel dan bis-snin twal ta' esperjenza li kellu u billi saq it-*trailer* sal-baħar mingħajr ebda sforz.

Antoine Spiteri skont ir-rapport tal-Pulizija kien stqarr li meta ħareġ mill-*boathouse* kien ra lil Mario Vella u lil ibnu Matthew jattakkaw lil Etienne Fenech. Sussegwentement biddel il-verżjoni tiegħu u qal li kienu biss qed jitgħajjru u Mario Vella u Matthew Vella daru għalih għal xejn b'xejn. In kontro-eżami Antoine Spiteri jammetti li seta' dakinhar qal hekk lill-Pulizija fil-fixla. Imma normalment meta wieħed ikun mifxul, jinsa jgħid kull ma jkun ġara mhux jispiċċa jgħid dak li ma jkunx ġara. Fil-każ in deżamina, Antoine Spiteri kien irrapporta lill-Pulizija dak illi llum jammetti li ma kienx ġara, ċjoè kien qal lill-Pulizija illi Etienne Fenech kien ġie attakkat meta ma kienx.

Antoine Spiteri ipprova juri li l-użu tal-forza li għamel Etienne Fenech kien ġustifikat għax dan ipprova jiddefendi lilu meta daru għalih Mario u Matthew Vella. Imbagħad Antoine Spiteri biddel il-verżjoni tiegħu, tenut kont ukoll tal-fatt li ma jidhirx li Etienne Fenech kellu xi ġrieħi fuq persuntu.

Il-konvenut Etienne Fenech fix-xhieda tiegħu jgħid li meta seħħ l-inċident kienu preżenti martu u oħtu u t-tfal ta' ħatnu, imma għal xi raġuni ma tella' lil ħadd minnhom biex jixhed, liema nuqqas jitfa' ċerti dubbji fuq il-verżjoni tiegħu u ta' ħatnu Antoine Spiteri. Din il-Qorti tmur oltre dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Maġistrati fil-każ kontra Etienne Fenech u tqis li ma kien hemm ebda raġuni għalfejn Mario Vella u Matthew Vella jaggredixxu lil Antoine Spiteri kieku ma kienx hu li imbotta lil Mario Vella. Fil-fatt fir-rapport tal-Pulizija

ingħad li Antoine Spiteri kien qalilhom li aggredixxa lil Mario Vella u Matthew Vella biex jiddefendi lil Etienne Fenech. Din il-Qorti temmen li kien x'kien it-ton li Mario Vella uża meta beda jilmenta ma' Etienne Fenech, kienu Antoine Spiteri u Etienne Fenech li ħebbew għalihom, b'Etienne Fenech juża katina ħoxna tal-metall ta' xi żewġ metri li tista' tagħmel ħsara kbira. Il-Qorti tal-Maġistrati għalhekk kienet ikkonkludiet illi jekk kien veru li Etienne Fenech aġġixxa għad-difiża leġittima ta' ħatnu, kien hemm eċċess da parti tal-imputat. Kif aġixxa Fenech ċertament ma kienx aġir ta' persuna responsabbli u għandu jitqies bħala aġir eċċessiv. Ir-responsabbilità għall-akkadut, għall-korriment tal-attur u għall-konsegwenzjali danni, hija għalhekk unikament tal-konvenut.

*Danni sofferti mill-attur:*

Tqis illi skont il-prospett tad-danni li ppreżenta l-attur, *ex admissis* huwa ma sofra ebda *damnum emergens*[46]. Din il-Qorti għaldaqstant abbażi tal-artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 ser tikkonsidra biss it-telf tal-qliegħ, *lucrum cessans,* minħabba d-diżabilita permanenti li sofra l-attur.

*Lucrum Cessans:*

Din il-Qorti għandha quddiemha żewġ rapporti ta' speċjalisti mediċi, wieħed *ex parte* u l-ieħor inkarigat mill-Qorti, bit-tnejn li huma jaqblu li l-perċentwal

[46] Ara fol. 19.

ta' diżabbilità permanenti li sofra l-attur hija ta' tlieta fil-mija (3%). Fl-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut jgħid li mhux ċar jekk id-diżabbilità allegatament sofferta mill-attur hijiex ta' natura permanenti għax l-espert mediku *ex parte* fl-aħħar tar-rapport tiegħu jgħid li illum għadda wisq żmien biex jiġi ikkunsidrat li jsir intervent kirurġiku fir-rigward tal-muskolu tal-*biceps* tal-attur li ġie mċarrat. Però aktar qabel fir-rapport tiegħu l-espert mediku *ex parte* Mr. Carmel Sciberras jgħid illi m'hemmx qbil fil-kamp mediku jekk għandux każ bħal dan jiġi operat, tant hu hekk l-attur kien infurmah li l-ispeċjalista li kien ikkonsulta miegħu dak iż-żmien, kien qallu li ma jissuġġerix lli ssir operazzjoni għax din għandha aktar żvantaġġi milli vantaġġi. Il-konvenut ppreżenta ukoll għadd ta' ritratti meħudin minn fuq l-*internet* li juru lill-attur meta kien mar għall-vaganza fuq il-muntanji wara l-inċident. Il-Qorti ma tqisx li din hija xi ħaġa ta' barra minn hawn għax diżabilità permanenti minima ta' tlieta fil-mija (3%) ma tfissirx li dak li jkun lanqas jista' jivjaġġa, għax li kieku kien hekk id-diżabilità kienet tkun ferm ogħla. Wara kollox l-Espert Mediku Mr. Massimo Abela jispeċifika li d-diżabilità permanenti mhijiex fir-rigward tal-ksur fis-seba li illum fieq kompletament, iżda fir-rigward tat-tiċrita fil-muskolu li għad li tnaqqas ċertu movimenti, dan però jiġi kkumpensat permezz ta' muskoli oħrajn.

Tqis illi l-attur li twieled fil-25 ta' Diċembru, 1954, meta seħħ l-episodju li wassal għad-diżabilità permanenti tiegħu, fl-4 ta' Settembru, 2010 kien se jagħlaq 56 sena. Ta' dik l-età l-attur kellu probabbilità li jkompli jaħdem għal madwar 9 snin sakemm jagħlaq -il 65 sena u dan tenut kont tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u taċ-*chances and changes of life*. Il-Qorti ma taqbilx ma' *multiplier* ta' 15-il sena li ppropona l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu

u wara kollox fil-prospett tad-danni ippreżentata mill-attur innifsu hemm indikat *multiplier* ta' 9 snin.

Illi mill-*Income Tax returns* tal-attur, jirriżulta li fl-2010 kellu qliegħ nett ta' €23,260, fl-2011 kellu qliegħ nett ta' €24,560, fl-2012 kellu qliegħ nett ta' €24,600, fl-2013 kellu qliegħ nett ta' €21,202 u fl-2014 kellu qliegħ nett ta' €21,191. Il-Qorti ser tieħu l-ogħla minn dawn ammonti u minħabba l-għoli tal-ħajja ser tieħu ċ-ċifra ta' €24,600 bħala il-*multiplicand.*

Il-komputazzjoni *lucrum cessans* għandha ssir b'dan il-mod: (€24,600 x 9) x 3% = €6,642. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20%. Minħabba li għaddew kważi 7 snin mid-data tal-inċident, it-tnaqqis għal-*lump sum payment* f'dan il-każ ser ikun ta' 10%[47] u għalhekk id-danni bħala *lucrum cessans* qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' **<u>€5,977.80</u>**.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

[47] Ara **Spiteri *vs.* Zammit Tabone,** Q.A., 16.03.1999 u **Caruana *vs.* Camilleri,** Q.A., 27.02.2004.

**2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li d-danni sofferti mill-attur Mario Vella fuq il-persuna tiegħu waqt argument li seħħ nhar l-4 ta' Settembru, 2010 għall-ħabta ta' bejn is-6.00 u s-7.00 ta' filgħaxija fi Triq ix-Xtut, San Pawl il-Baħar, ġew ikkaġunati unikament minħabba l-aġir tal-konvenut Etienne Fenech;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' ħamest elef, disgħa mija u sebgħa u sebgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€5,977.80);**

**4. Tikkundanna lill-konvenut Etienne Fenech iħallas lill-attur Mario Vella s-somma ta' ħamest elef, disa' mija u sebgħa u sebgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€5,977.80).**

**Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u bl-imgħax legali kontra l-konvenut mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.